MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 367/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet zzewgu fis- sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981) (Ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, S, illum maggorenni u ghandu tletin (30) sena;

2. Illi l-partijieti ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras mit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) (Ara Dok. B anness);

3. Illi m' hemm l-ebda prospett raggonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnithom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra l-esponenti fforma rabtiet ma' persuni ohrajn, familja gdida.

4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut u dana a tenur tal-klawsola 1 tal-kuntratt ta' separazzjoni (Dok. B anness).

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-ligi ghall- ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li *in forza* taghha eccepiet illi : -

Li ma topponiex ghat-talbiet tal-attur Joseph Darmanin, fil-waqt li tipprotesta ruha ghall-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Lulju, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana

peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Mejju 1996 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------